Kulleġġ San Benedittu Skola Primarja Qrendi

# NEWSLETTER

***Maħruġa mill-Amministrazzjoni, l-Istaff u l-Kunsill Skolastiku***

*"L-Iskola Tiswa"*

**Il-Motto tal-Iskola**

**FRAR 2012** **email:** ***sbc.qrendi.pr@gov.mt***

**Ħarġa Nru. 5** **Tel: 21640673**

**Website:** ***http//:sbc.qrendi.skola.edu.mt***

## *Tagħlim tul il-Ħajja: L-Iskola Tiswa*

Dan huwa x-xahar li fih l-istudenti mir-Raba' sas-Sitt Sena jkollhom l-Eżamijiet ta' Nofs is-Sena. Permezz tar-riżultati ta' dawn l-eżamijiet, l-għalliema jkunu jistgħu jfasslu l-programm ta' tagħlim tagħhom għal matul ix-xhur ta' wara. Dan huwa eżerċizzju ta' assessjar formali li jagħtina stampa li biha nevalwaw dak li jkun sar u nippjanaw għal futur.

Sabiex inkunu nistgħu ngħinu lit-tfal jibnu l-ħiliet tagħhom u jitilgħu tarġa tarġa fil-livelli differenti tat-tagħlim, l-assessjar isir matul il-fażijiet kollha tat-tagħlim. Dan l-assessjar formattiv isir b'mod iktar kontinwu u jolqot is-Snin kollha, mill-Kindergarten sas-Sitt Sena fl-iskola Primarja, u jibqa' sejjer matul is-Snin fis-Sekondarja.

Dan il-mod ta' assessjar formattiv huwa magħruf bħala *Assessment for Learning* fejn l-evidenza li tinġabar tgħin lill-għalliema sabiex ifasslu programmi li jgħinu lill-bzonnijiet tal-istudenti. Huwa ppruvat li dan it-tip ta' assessjar iwassal lill-istudenti sabiex itejbu l-ħiliet tagħhom kemm akkademiċi, kif ukoll dawk il-ħiliet bżonnjużi f'ħajjithom.

Barra minn hekk, it-teknika ta' kif isir l-assessjar formattiv tiġi mgħallma lit-tfal stess sabiex huma jkunu jistgħu jevalwaw il-progress tagħhom u dan jgħinhom fit-tagħlim tul ħajjithom.



Ir-realtà tal-lum titlob li persuna tibqa' żżomm ruħha aġġornata matul ħajjitha kollha, minħabba li jseħħu ħafna kambjamenti f'dak li hu madwarna. Huwa importanti li minn ċkunithom it-tfal jitgħallmu jagħżlu l-aħjar għalihom, u jkollhom ċar quddiemhom pjan ta' ħidma li jgħinhom fi triqithom... kulħadd bil-pass tiegħu u kulħadd sa fejn jista'.

Mr. Ethelbert Fenech
Assistent Kap tal-Iskola